MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

**ONOR. IMĦALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2004

Rikors Numru. 467/1997/1

Emanuel R. Abela
vs
Chairman Bank Of Valletta Limited

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' l-1988/1990/1993/1995 huwa sofra ingustizzja f'li ma nghatax il-promozzjoni u 19 ta' Lulju 1990 sofra ingustizzja billi nghata transfer vendikattiv.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:

Illi huwa ilu jahdem mal-Bank of Valletta mill-1976 u ilu fil-grad ta' Supervisor II/A mill-1987. Illi huwa ghalkemm kellu l-grad ta' Supervisor II/A kemm il-darba kien responsabbli mit-tmexxija ta' dipartiment jew sezzjoni. Illi huwa kemm ilu jahdem il-bank qatt ma kellu rapporti

hziena kontra tieghu imma dejjem kellu kliem ta’ tifhir dwar ix-xoghol li jaghmel mis-superjuri tieghu. Illi huwa dejjem ghamel ix-xoghol bl-akbar abilita` efficjenza u lejalta`.

Illi huwa ghamel perjodu ta’ snin responsabbli mit-tmexxija tal-Foreign Cash Department. Illi hawnhekk huwa bil-hidma u l-inizjattiva tieghu gab dan id-dipartiment il-quddiem kif jixdhu r-rapporti. Illi huwa kien responsabbli biex il-Bank of Valletta jkollu l-foreign cash manual adekwat. Illi dan sar fuq l-inizjattiva tieghu personali u ghadu jintuza mill-branches sal-lum. Illi huwa sakemm dam responsabbli mill-foreign cash ghamel kontrolli u proceduri adegwati ghal dan id-dipartiment. Illi huwa kellu wkoll ir-responsabilita` li jiddilja x-xiri u l-bejgh tal-flus barranin u ghamel ukoll kuntatti varji ma’ banek barranin li ghenu biex il-Bank of Valletta jkun jista’ jiddilja regolarment il-bejgh tal-lira Maltija.

Illi huwa kemm kien ilu responsabbli mill-Foreign Cash Department hargu darbtejn promozzjonijiet ghall-gradi ta’ Assistant Managers jew Manager. Illi huwa ghalkemm kellu l-esperjenza, is-servizz u l-kwalifiki daqs dawk li saru jew aktar din il-promozzjoni ma hadiex. Illi huwa hass li saret ingustizzja ohra mieghu wkoll ghax il-promozzjoni haduha haddiema li ma kellhomx ir-responsabbilita` kbira li kellu huwa meta kien qieghed imexxi l-Foreign Cash Department. Illi hass li saret ingustizzja ohra mieghu ghax inghata t-transfer mid-dipartiment tal-foreign cash ghall-branch ta’ Republic Str., Bills Department. Illi huwa konvint li dan it-transfer inghatalu minhabba t-twemmin politiku tieghu ghall-fatt ta’ kif inghata u meta nghata dan it-transfer. Illi huwa wkoll mhux gustifikat li r-rikorrent li kellu dik l-esperjenza kollha kien qieghed imexxi bl-akbar kapacitajiet, u kien strumentali biex gab dan id-dipartiment ‘il quddiem, u nghata dan it-transfer. Illi huwa konsegwenza ta’ dan it-transfer tilef madwar Lm300 fix-xahar li kien jiehu bhala allowance.

Illi huwa meta hargu l-promozzjonijiet fil-grad ta’ Manager, (il-grad ta’ Asst. Manager kien gie abolit) fil-1993 u fil-1995 huwa kien responsabbli mill-local, Internal Control

Officer, foreign cash, cash custodian u bank assurance tal-Mellieha Branch. Illi huwa ghalkemm din id-darba kien mitlub biex joqghod ghall-interview li ma damx aktar minn 5 minuti quddiem il-bord ta' ghazla, u li huwa rrisponda ghad-domandi kollha tajjeb meta hargu l-promozzjonijiet huwa ma nghatax il-grad ta' Manager. Illi hawnhekk ukoll rega' kien hemm haddiema li nghataw din il-promozzjoni li kellhom l-esperjenza, is-servizz u l-kwalifiki daqsu jew anqas minnu. Illi huwa kien konvint li l-management tal-bank jaf il-kwalitijiet u l-kapacitajiet tieghu imma meta gie biex jinghata l-promozzjoni l-management tal-bank donnu nesa li r-rikorrent kompletament jew inkella ma nghatax il-promozzjoni minhabba l-fatt li r-rikorrent huwa politikament involut.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi ssir gustizzja mieghu u jinghata l-promozzjoni ta' Manager mid-data li kien haqqu jsir bhal ma saru shabu u li jigi kumpensat ghall-flus li tilef konsegwenza tat-transfer li nghata jew jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' mhux aktar minn Lm5000.

Ra l-lista tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tal-Bank of Valletta Limited li eccepixxa:

Illi fl-10 ta' Settembru 1997 ir-rikorrent Emmanuel Abela ipprezenta rikors quddiem it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji billi issottometta li hu ilu jahdem mal-Bank of Valletta mill-1976 u ilu fil-grad ta' Supervisor II/A kemm-il darba kien responsabbli mit-tmexxija ta' dipartiment jew sezzjoni. Illi huwa kemm ilu jahdem il-Bank qatt ma kellu rapporti hziena kontra tieghu imma dejjem kellu kliem ta'

tifhir dwar ix-xoghol li ghamel mis-superjuri tieghu u li huwa dejjem ghamel ix-xoghol bl-aktar abbilta`, efficjenza u lealta`.

Illi r-rikorrent ghaldaqstant talab li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi ssir gustizzja mieghu u jinghata l-promozzjoni ta' Manager mid-data li kien haqqu jsir bhal ma saru shabu u li jigi kumpensat ghall-flus li tilef konsegwenza tat-transfer li nghata jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' mhux aktar min Lm5000.

Illi ghandu jinghad li l-Bank of Valletta Limited qatt ma ezercita transfers vendikattivi fil-konfront ta' l-istess Emmanuel Abela in kwantu kif huwa normali hafna go post tax-xoghol ghall-Bank of Valletta li haddiem jigi trasferit minn post ghall-iehor wara perjodu ta' servizz u dan skond il-ftehim kollettiv huwa prerogattiva tal-Management tal-Bank.

Illi mir-rikors tieghu stess, l-istess Emmanuel Abela ma allegax fl-ebda waqt li inghataw promotions lil nies anqas kwalifikati minnu u ghalhekk il-Bank ma fehemx liema pregudizzju allega l-istess Emmanuel Abela.

Illi l-Artiklu 6(1) ta' l-Att VIII tal-1997 dwar it-twaqqif ta' Tribunal ghas-smiegh ta' ilmenti ta' certi ingustizzji li graw bejn l-1987 u l-1995 jirrizulta dan li gej:

*It-Tribunal ikollu s-setgha li jisma u jaqta' dwar kull ilment li jsir minn persuna li tkun garrbet ingustizzja b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew prefrenza* <u>*indebita*</u> *li tkun saret jew inghatat bi hsara ghalih jew ta' xi ….*

Illi mill-fatti sejjer jirrizulta li r-rikorrent la saritlu ingustizzja u lanqas bl-ebda mod ma saritlu *xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita* tul l-impieg tieghu mal-Bank of Valletta Ltd.

Illi ghaldaqstant l-intimat Bank of Valletta talab lil dan it-Tribunal sabiex jichad it-talbiet tar-rikorrent bhala

manifestament infondati fil-fatt u fil-ligi fl-intier taghhom u jillibera lill-istess intimat mill-osservanza tal-gudizzju.

Ra l-lista tax-xhieda tal-bank intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ lix-xhieda bil-gurament.

Sema’ l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Illi r-rikorrentipprezenta affidavit, fejn qal li dahal jahdem mal-Bank of Valletta f’Lulju 1976, u kien ha promozzjoni ta’ Supervisor 1 u 2, u li hu kien Head tal-‘Foreign Cash Department’ f’Lulju 1990. Qal li dak iz-zmien gie trasferit ghall-branch ta’ Republic Street, il-Belt. Hu hass li ma kienx jaghmel sens li jigi trasferit meta hu kellu tant esperjenza f’dak id-dipartiment ta’ specjalizazzjoni. Hu hass li gie trasferit minhabba l-allowance li kellu, propju minhabba x-xoghol li kien jaghmel u seta’ kien hemm min ried igawdi minn dan l-allowance minfloku. Semma li minfloku kien dahal certu Louis Borg li ma kellu l-ebda esperjenza fil-qasam tal-Foreign Cash Department, u li kellu grad inqas minn tieghu. Zied ighid li hu kien efficjenti f’xoghlu u sahansitra kien anke ha “special service award” minghand Thomas Cook. Qal li sofra ingustizzja ohra meta ma nghatax promozzjoni ghal Manager B, u semma li minkejja li hu dejjem kellu rapporti tajbin xorta ma hax il-promozzjoni u gie maqbuz minn persuni bhal Maurice Callus, John Galea, Emily Grech u Lawrence Gonzi, li ma kellhomx esperjenza u kapacitajiet daqsu. Fl-ahharnett qal li llum qieghed Manager B, fil-Mellieha Branch. Hu esebixxa dokumenti a fol 19, fejn hemm cirkolari ta’ meta hareg it-trasferiment tieghu mill-International Division, il-pay slips biex juri d-differenza fil-paga, cirkolari meta kien ha l-‘award’ ta’ Thomas Cook, u dokumenti li juru l-promozzjonijiet kollha li hargu u fejn kien baqa’ barra.

In kontro-ezami qal li t-trasferiment li qed jilmenta minnu kien fl-1990 u ma nghatax raguni ghat-trasferiment, l-unika kumment li kien ha minghand is-Sur Camilleri meta mar jilmenta li kien ilu hemm fl-international division. Filwaqt li hu qal li kien hemm min kien ilu tlieta u ghoxrin (23) sena f'din sezzjoni. Spjega li dak inhar li ha t-trasferiment, gie avzat biss verbalment mis-Sur Bisazza li qallu biss kwarta qabel il-hin li jispiccaw, u ghaldaqstant qal li ma tax il-handover lis-superjur tieghu. Semma li hu gieli ha sehem fi strikes, minhabba l-promozzjonijet, u sostna li ghalhekk ha t-trasferiment. Qal li hu sar Manager B mill-1 ta' Mejju 1998. Semma li kien sar jaf bil-ftehim li Manager B isiru sittin fil-mija (60%) minnhom minn Assistant Managers u erbghin fil-mija (40%) minn Supervisor 2. Fir-rigward tan-nies li semma fl-affidavit tieghu qal li hu kellu iktar seniority minnhom, u hu dar izjed 'branches' ghalhekk kellu iktar esperjenza minnhom. Hu esebixxa l-appraisal reports mill-1983 sal-1989 minn fol 78 sa 84. Esebixxa tnejn mill-appraisal reports, kif ukoll diversi kummenti u estratti mill-appraisal reports tieghu minn fol 123 sa 127.

Xehed Charles Cassar li ghamel zmien kien segretarju tal-General Workers' Union, u jaf li r-rikorrent kien impjegat tal-Bank of Valletta. Semma li l-Union kienet ipprotestat mal-Bank fir-rigward tar-rikorrent li dahal il-Bank fl-1976, u nqabez minn diversi nies fil-promozzjonijiet. Qal li l-Union kellha certezza li peress li r-rikorrent kien attiv fil-General Workers' Union. Kien qed jigi skartat mill-promozzjoni. Hu qal li jaf ukoll li r-rikorrent kien gie trasferit mill-International Division, fejn tilef l-allowances li kien jiehu.

Xehed Mario Paris li qal jaf lir-rikorrent fl-International Division. Qal li hemm kien juri inizjattiva, u kien dejjem jahdem, u r-rikorrent kien ir-'right hand man' tieghu. Qal li hu u r-rikorrent kienu hadmu flimkien fl-International Division ghal zmien twil. Qal ukoll li meta kiteb ir-rapporti tar-rikorrent, dejjem kienu favorevoli.

In kontro-ezami qal li hu beda l-Bank of Valletta International fl-1991, meta beda, u qabel kien hemm l-International Division. Semma li r-rikorrent, kien beda

jahdem mieghu fl-1986, u qal li r-rikorrent qatt ma kien fil-Bank of Valletta International. Spjega li x-xoghol fl-International Division kien varjat, u l-impjegati t'hemm riedu jaghmlu diversi xogholijiet. Qal li hu kien jaghti xi xoghol fir-rigward ta' bank notes lir-rikorrent minhabba li kien efficjenti.

Xehed Robert Ducker, li kien Head fil-Foreign Department fl-International Division, li qal ir-rikorrent kien assistent tieghu. Qal li r-rikorrent kien esperjenzat fix-xoghol hemmhekk. Iddeskriva lir-rikorrent li kien efficjenti responsabbli u organizzat fix-xoghol u kien juri hafna inizjattiva, u kien motivat hafna, u kien anke jaghmel diversi kuntatti ma banek barra minn Malta. Qal li r-rikorrent kien ikkunsidrat bhala espert fil-'foreign currency note' specjalment fid-dollar. Fir-rigward ta' promozzjonijiet qal li hu dahal fl-istess zmien bhar-rikorrent u dak iz-zmien kien grad fuqu. In kontro-ezami, qal li sa fejn jaf hu, ir-rikorrent kien fil-grad ta' Supervisor I, u hu kien Supervisor II dak iz-zmien li kienu jahdmu flimkien fl-International Division. Zied ighid li wara ftit hu kien lahaq Assistant Manager. Qal li hu kien superjur tar-rikorrent, izda huma t-tnejn kienu jmexxu s-sezzjoni. Qal li x-xoghol fl-International Division u x-xoghol fil-ferghat tal-bank hu relatat, imma hu differenti hafna.

Xehed Hubert Caruana li qal bejn l-1987 u l-1997 kien responsabbli ghall-Human Resources Division, li qal, fir-rigward tat-trasferimenti hi norma li trasferimenti jigu effetwati mil-lum ghal ghada, u qal li fil-fatt, kienet harget regola mal-Bank li meta l-impjegati jdumu iktar minn hames snin fl-istess post, jibdew isiru xi spostamenti. Spjega li mpjegat li jkun dar diversi sezzjonijiet, ikollu iktar esperjenza zied ighid li l-esperjenza hi wahda mill-kriterji li jigu kkonsidrati. Hemm ohrajn bhal 'merit', 'aptitude', 'seniority' u kwalifiki, izda semma li seniority hi l-anqas li tittiehed in konsiderazzjoni.

In kontro-ezami, semma li l-problema tar-rikorrent kienet li dak iz-zmien kien hemm ftehim bejn il-Gvern u l-Union, peress li l-grad ta' Assistant Manager kien ser jigi abolit, u dawn ukoll minbarra s-supervisors riedu jidhlu fil-grad ta'

Assistant Manager. Qal li jiftakar li kien kellem lir-rikorrent dak iz-zmien proprju wara li lmenta mieghu, u kien qallu li l-kriterju tal-kwalifiki kien qed jinghata hafna importanza u qallu li ma kellux bizzejjed kwalifiki. Qal ukoll li jaf li Lino Calleja u James Marston li kienu jahdmu mar-rikorrent, ma kinux gew trasferiti u baqghu hemm hafna snin.

Joseph V. Gatt ipprezenta affidavit u fih semma li jokkupa l-kariga ta’ General Manager (Strategy) fil-Bank of Valleta p.l.c. u parti mir-responsabbilitajiet li jaqghu tahtu huma r-Rizorsi Umani tal-Bank kollu. Spjega li ezercizzju ta’ promozzjonijiet ghall-grad partikolari jigi stigat principalment ghaliex u meta tinhass il-htiega li jimtlew postijiet vakanti f’dak il-grad. Dawn il-postijiet vakanti gew ikkrejati normalment minhabba jew ghaliex ikunu rtiraw jew irrizenja xi ufficjali f'xi grad jew gradi u allura jkunu jridu jimtlew il-postijiet vakanti li jkun hallew jew minhabba l-espansjoni tal-operazzjonijiet tal-Bank. Qal li minn Mejju 1987 ‘il hawn il-Bank zied madwar 500 impjegat fil-gradi white collar. Meta jkunu se jimtlew numru ta’ vakanzi jitwaqqaf promotions board. Dan il-Bord ikollu l-inkarigu li jwettaq l-ezercizzju mill-bidu sat-tmiem u wara li jkun lestieh iressaq ir-rakkomandazzjonijiet tieghu lill-Kumitat Ezekuttiv tal-Bank sabiex dan il-Kumitat japprova n-numru ta’ promozzjonijiet mehtiega skond il-gradwatorja (order of merit) pprezentata lilu mill-Promotions Board. Il-Promotions Boards generalment ikunu komposti minn ufficjali gholja tal-bank, li jistghu jinkludu c-Chairman, General Managers, Assistant General Managers u jew Senior Managers. Normalment aktar ma’ l-ezercizzju jkun ghall-promozzjonijiet ghall-gradi gholja aktar il-Promotions Board ikun kompost minn ufficjali gholja. Zied ighid li ma tesizti l-ebda regola miktuba dwar kif ghandhom ikunu komposti il-Promotions Boards. Il-Bank, imma, generalment dejjem mexa fuq dan il-principju.

Kull Promotions Board huwa marbut illi jevalwa u jassessja l-kandidati li jkunu eligibbli ghal dak l-esercizzju partikolari skond il-kriterji stabbiliti fil-Ftehim Kollettiv. Il-klawsola fil-Ftehim Kollettiv tghid: ***“When effecting promotions, the Bank shall be guided by aptitude, experience, merit, qualifications and seniority, not***

***necessarily in that order"*** u dan ghal ragunijiet ovvji ghax per ezempju Experience u Merit f'kaz ta' ezercizzju ta' promozzjonijiet ghal gradi ghojin bhal dawk ta' Senior Manager u aktar 'l fuq, il-weighting li tinghata ghalihom tkun aktar minn dik moghtija ghall-Qualifications. Minn naha l-ohra l-kriterju tal-qualifications jinghata weighting aktar gholi f' ezercizzju ta' promozzjonijiet ghal gradi t'isfel e.g. Signatory B u Signatory A.

F'kull ezercizzju allura, wara li l-membri tal-promotions Board jilhqu ftehim bejniethom dwar kif ghandhom ikunu l-weightings ghal kull wiehed mill-hames kriterji msemmija fil-Ftehim Kollettiv, kull membru tal-bord separatament jifli l-personal files ta' kull kandidat u jaghti l-marka tieghu ghal kull wahda mill-kriterji. Il-marki ghall-Merit, Aptitude u Experience iridu johorgu mill-Personal File, fejn wiehed jara l-Annual Performance Appraisals, kif ukoll minn informazzjoni ohra li l-Promotions Board jista' jkollu fuq il-kandidat. Dawk ghall-qualifications u Seniority ikunu diga gew miftiehma u maqbula qabel mill-membri tal-Promotions Board, ghaliex fuq dawn naturalment m'hemm l-ebda suggettivita`.

Ghalkemm m'huwiex marbut il-Bank jista' jiddeciedi li f'xi ezercizzji partikolari ta' promozzjonijiet jaghmel ukoll Interview. Generalment dawn ikunu f'kazi ta' promozzjonijiet ghall-gradi t'isfel. L-Interview iservi sabiex jghin aktar lill-membri tal-promotions board li jsiru jafu aktar lill-kandidati mill-vicin, mentri fil-kaz ta' promozzjonijiet ghall-gradi ghojin dan ma jkunx hemm bzonnu ghaliex peress li l-kandidati jkollhom hafna snin servizz, normalment l-membri tal-Board ikunu jafuhom bizzejjed u ma jkunx hemm bzonn ukoll tal-Interview. Ghalhekk meta ssir l-Interview, tigi allokata wkoll marka ghaliha, bhala parti mill-100 marka massimu li kull kandidat jista' jinghata minn kull membru tal-Bord.

Wara li kull membru tal-Promotions Board ikun fela u assessja l-Personal Files ta' Kull kandidat u jkun ta l-punteggi tieghu (kif ukoll l-marka ghall-Interview meta din issir), jigu aggregati l-punteggi li kull membru tal-board ikun ta lil kull kandidat u tinhareg l-Order of Merit li minnha

jinghataw il-promozzjoni dawk il-kandidati li jidhru fil-lista (Skond l-order of Merit) skond in-numru li jigi deciz finalment mill-Kumitat Ezekuttiv tal-Bank.

In-numru ta' dawk li jigu promossi f'kull ezercizzju jkun dejjem relattivament zghir meta mqabbel man-numru totali ta' kandidati li kienu eligibbli ghaliex in-numru tal-impjegati tal-Bank huwa konsiderevolment qawwi u ghalhekk anke f'kull grad wiehed isib numru konsiderevoli ta' impjegati. Fil-Bank tesizti gerarkija ta' gradi li tiehu l-forma ta' piramida jigifieri aktar ma titla 'l fuq aktar ikunu ftit il-postijiet vakanti. Is-sistema prezenti ta kif jinghataw il-promozzjonijiet fil-Bank ma kenitx hekk minn dejjem imma evolviet matul is-snin u dan proprju sabiex issir dejjem aktar trasparenti. Fil-fatt kien f'Marzu tal-1992 li ghall-ewwel darba l-bank kien beda jadotta sistema gdida li johrog sejha ghall-applikazzjonijiet meta jkun ser isir ezercizzju ta' promozzjonijiet u mbaghad wara jsiru l-interviews.

Rigward il-promozzjonijiet ta' l-20 ta' Lulju 1987 (Personnel Circulars Nos. 38/87 & 39/87), il-Bord tad-Diretturi meta approva dawn il-promozzjonijiet kien iddikjara: ***'The purpose of the promotions was to rectify the grave injustices suffered in the past by the individuals in question, insofar as promotions were concerned.'***

Minn xi sitt snin 'l hawn, il-Bank beda wkoll jadotta sistema ta' Counselling Interviews, jigifieri kull impjegat li ma jkunx gie moghti promozzjoni jekk irid jista' jitlob li jiltaqa' ma' ufficjal gholja tal-Bank sabiex jiddiskuti kif ikun mar f'dak l-ezercizzju. Dawn il-Counselling Interviews intlaqghu tajjeb hafna ghaliex l-impjegat ikun jista' jaghraf f'liema kriterju jew kriterji huwa jkun mar l-aktar hazin u allura jkollu l-opportunita` sabiex jahdem sabiex itejjeb il-performance tieghu u b'hekk itejjeb konsiderevolment ic-cansijiet tieghu ghal ezercizzju ta' promozzjoni sussegwenti. Fuq talba tal-Unions il-Bank qieghed ukoll jinghata t-total ta' marki lil jkun gab l-anqas wiehed minn dawk li jkunu gew promossi u b'hekk l-impjegat ikun ukoll jista' jaghmel il-benchmarking u jara kemm kien il-boghod

milli jiehu l-promozzjoni. Spicca biex jghid li l-Bank dejjem mexa mal-Ftehim Kollettiv.

In kontro-ezami, hu ccara li fl-1985, ir-rikorrent kien jahdem fl-international division. Spjega li hemmhekk kien hemm zewg taqsimiet, l-investment u l-foreign cash, u dawk li kienu fl-investments, kienu dealers u dawk li kienu meqjusin qishom impjegati elite. Qal li r-rikorrent kien tajjeb f'xoghlu u kien jaghmel xoghol siewi, izda kif kien jigri fil-promozzjonijiet, il-problema li trid tara r-rapporti anwali kollha, u tara l-kandidati kollha li jkunu eligibbli ghall-promozzjoni.

Xehed Alfred Pace li pprezenta dokument a fol 92, fejn jidher il-breakdown tal-marki li kien gab ir-rikorrent fl-1992 u fl-1995. Ezebixxa wkoll il-breakdown tal-marki ta' persuni li semma r-rikorrent a fol 93, kif ukoll l-order of merit tal-ezercizzju tal-1992 a fol 94. Esebixxa wkoll is-sejha tal-applikazzjoni tal-1992 a fol 96, u l-lista tal-promozzjonijiet tal-1992 a fol 97. Hu pprezenta memo minghand Rene` Formosa l-General Manager, dwar l-approvazzjoni tal-promozzjonijiet a fol 100, kif ukoll estratt mill-minuti tal-Executive Committee a fol 101 u l-Executive Committee Paper a fol 102. Ipprezenta r-rapport tal-Bord a fol 104.

Esebixxa wkoll il-'final order of merit' tal-ezercizzju tal-1995 a fol 112, u s-sejha ghall-applikazzjoni li harget f'April 1995 a fol 110, ir-rapport tal-Bord a fol 109 estratt tal-minuti tal-executive committee f'Gunju 1995 a fol 114 u c-cirkolari ufficjali li habbret in-nies li hadu l-promozzjoni a fol 115.

In kontro-ezami qal, fir-rigward ta' David Tabone, li kien gie klassifikat l-ewwel fl-1995, u fir-rigward ta' Maurice Callus, esebixxa dokument li juri l-postings taghhom u ta' nies ohra a fol 130. Hu kkonferma li r-rikorrent kien f'diversi ferghat tal-Bank u kellu mas-sbatax esperjenzi differenti ta' esperjenza tax-xoghol, u ghalhekk kellu firxa ta' xogholijiet tajba, u jaqbel li hu kien dealer fl-international division, u dan jirrizulta minn dokumenti fil-files, li huma korretti.

Xehed Rene` Formosa li semma li kien fis-Selection Bord fil-promozzjonijiet tal-1992 minn Supervisor 2 ghal Manager I. Qal li huma kienu raw il-files tal-kandidati u ghamlu l-intervisti. Qal li bbazaw l-assessments taghhom fuq il-kriterji fuq kwalifiki, seniority, aptitude, experience u merit. Qal li kull membru tal-Bord kien jaghti l-marki, imbaghad fl-ahhar jinghaddew il-marki u tinghata marka minn 100. Semma li fir-rigward tal-kriterji tas-seniority, raw kemm il-kandidat ikun ilu jokkupa dak il-grad partikolari li jkun fih, u dan dejjem abbazi tal-collective agreement. Qal ukoll li fl-1992, sar ezercizzju iktar trasparenti milli kien sar qabel, kienet saret intervista u kien hemm il-kriterji stabbiliti u kollox kien car.

**KONKLUZJONIJIET:**
L-ilment tar-rikorrent huwa bazat fuq diversi aspetti u cioe`:
a) nuqqas ta' promozzjoni fl-1992/1993
b) nuqqas ta' promozzjoni fl-1995
c) trasferiment ingust

Dwar l-ilment tar-rikorrent ghall-promozzjoni ghall-grad ta' Manager ma hemmx dubju li r-rikorrent hu bniedem kapaci u gie hekk deskritt minn diversi persuni. Irrizulta wkoll li qabel 1987 kellu promozzjonijiet moghtija lilu mhux skond is-seniority.

Dwar promozzjonijiet it-Tribunal dejjem zamm il-principju li stqarr fis-sentenza tal-kawza flismijiet "Anthony Scicluna vs Chairman Bank of Valletta" deciza fis-27 ta' Ottubru, 1998. Hemm qal:
"Issa fil-fehma ta' dan it-Tribunal, s-Seniority ghandha piz kbir hafna fl-ghoti tal-promozzjonijiet u ghandha ma tigix meqjusa biss meta jirrizultaw b'mod car u inekwivoku jew kwalitajiet posittivi ohra f'xi individwi ohra li jiggustifikaw li persuna / persuni ghandha taqbez lil min imissu skond is-seniority, jew kwalitajiet negattivi f'dak li jkun imissu l-promozzjoni [skond is-seniority] li jiggustifikaw li dik il-persuna ma tinghatax il-promozzjoni. Altrimenti naslu fi stadju fejn jirrenja suprem il-favoritizmu favur xi individwi ghal ragunijiet diskriminatorji (u ghalhekk kontra l-

Kostituzzjoni).” [Ara wkoll George Debono vs Brigadier AFM 28/10/98].

A] Ir-rikorrent applika ghall-***promozzjoni fl-1992*** b’effett mill-1 ta’ Novembru, 1992. Fl-ezercizzju tal-1992, kien hemm 131 kandidat li applikaw ghal Manager 1, u l-Bord kien applika l-hames kriterji fil-ftehim kollettiv. Fl-ahhar, inghataw 45 promozzjoni ghal Manager 1, 27 minnhom kienu mill-grad ta’ Assistant Manager u 18 mill-grad ta’ Supervisor 2 u dan ghax kien hemm il-ftehim stipulat li kellhom isiru 60% mill-grad ta’ Assistant Manager u 40% mill-grad ta’ Supervisor 2, sakemm kellu jispicca gradwalment il-grad ta’ Assistant Manager. Il-Bord kien kompost minn tliet General Managers, Deputy General Manager, u Assistant General Manager.

F’dawn il-promozzjonijiet skond l-iskeda esebita a fol 74 tal-process l-marki allokati kienu fuq il-bazi ta’

| | | | |
|---|---|---|---|
| Seniority | 50 | - | 10% |
| Kwalifiki | 75 | - | 15% |
| Merit 150 - | 30% | | |
| Aptitude | 75 | - | 15% |
| Experience | 100 | - | 20% |
| Interview | 50 | - | 10% |

Minghajr ebda ezitazzjoni t-Tribunal jghid li l-allokazzjoni ma tghogbux u hi totalment diskrezzjonali b’mod li minn jintoghgob mill-Bord isir. Kriterji oggettivi hemm biss Seniority u Kwalifiki ghax l-ohrajn kollha moghtija l-marka allokata li jidhirli l-Bord. Ghalhekk 75% tal-marki huma suggettivi. Mhux hekk biss ghal kariga gholja ta’ Manager ghal kwalifiki inghataw 15% biss u ghall-interview wahdu 10%.

Hawnhekk il-marki allokati lir-rikorrent, Emily Grech, u Maurice Callus kienu hekk:

| Chart A | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | | | | | | | | |

| | **Seniority** | | **Kwalifiki** | | **Merit** | | **Aptitude** | | **Experience** | | **Interview** | | **Total** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Allokati | 50 | | 75 | | 150 | | 75 | | 100 | | 50 | | |
| % | 10 | | 15 | | 30 | | 15 | | 20 | | 10 | | 100 |
| Rikorrent | 46 | | 0 | | 96 | | 51 | | 53 | | 27 | | 273 |
| Grech | 30 | | 0 | | 112 | | 62 | | 73 | | 37 | | 314 |
| Callus | 40 | | 0 | | 123 | | 60 | | 63 | | 36 | | 322 |

Wiehed jinnota li ghalkemm Seniority tar-rikorrent kienet superjuri anke f'experience gie allokat marki anqas minn Grech u Callus. Fil-fehma tat-Tribunal l-allokazzjoni tal-marki trid tinbidel jekk trid tkun gusta. L-ewwel nett il-kriterju tas-seniority trid talloka 25% tal-marki u dik tal-kwalifiki ghal grad ta' manager ghandu jkollha 35% u b'hekk il-kriterji oggettivi jkollhom ghall-anqas 60% tal-marki. L-erba' kriterji l-ohra tal-marki u cioe` Merit, Aptitude, Experience u Interview jinghataw 10% kull wahda u dan biex ma jkunx hemm kambjamenti kbar hafna. Fl-ahhar jekk ikun hemm differenzi zghar u vicini ikun obbligu tat-Tribunal biex jezamina l-fattispecji tal-kaz jimmeritawx xi kambjamenti zghar.

Meta wiehed japplika l-principji msemmija hawn fuq ir-rizultat ikun:

| Chart B | | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | | | | | | | | | |
| | **Seniority** | | **Kwalifiki** | | **Merit** | | **Aptitude** | | **Experience** | | **Interview** | | **Total** | |
| Allokati | 50 | | 75 | | 150 | | 75 | | 100 | | 50 | | | |
| % | 10 | | 15 | | 30 | | 15 | | 20 | | 10 | | 100 | |
| Rikor | 46 | 11 | 0 | 0 | 96 | 32 | 51 | 34 | 53 | 26 | 27 | 2 | 27 | 2[illegible] |

| | | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| rent | | 5 | | | | | | | | .5 | | 7 | 3 | 4. |
| Grec<br>h | 30 | 75 | 0 | 0 | 11<br>2 | 37.<br>33 | 62 | 41.<br>33 | 73 | 36<br>.5 | 37 | 3<br>7 | 31<br>4 | 2<br>7. |
| Callu<br>s | 40 | 10<br>0 | 0 | 0 | 12<br>3 | 41 | 60 | 40 | 63 | 31<br>.5 | 36 | 3<br>6 | 32<br>2 | 2<br>8. |

Illi ghalhekk meta wiehed juza l-allokazzjoni ta’ marki li giet moghtija mill-persuni li ghamlu l-intervista izda b’ apporzjonament differenti minn dak li ghamlu huma u cioe` billi giet moghtija aktar importanza lill-kriterji oggettivi ta’ seniority (25%) u kwalifiki (35%) li fil-fehma tat-Tribunal hija ferm aktar gusta u mhux daqshekk diskrezzjonali jirrizulta li r-rikorrent kien jikkwalifika ghall-promozzjoni li dwarha ilmenta u cioe` ta’ Manager I.

Ghalhekk ghal dawn il-motivi jichad l-eccezzjoni tal-intimat dwar il-promozzjoni tal-1992. Ghalhekk mhux il-kaz li t-Tribunal jezmina t-tieni aspett tal-ilment tar-rikorrent u cioe` n-nuqqas ta’ promozzjoni fl-1995.

C] ***It-transfer li gie moghti lir-rikorrent***. Ir-rikorrent ilmenta wkoll mill-fatt li gie trasferit u li kawza ta’ hekk tilef allowance. Izda lit-Tribunal jirrizultalu li ghalkemm dan il-fatt hu veru transfer sar wiehed biss u mhux ghal xi post f’ xi ambjent ikrah jew minghajr facilitajiet necessarji. Ukoll ufficjali tal-bank stqarrew li hija policy tal-bank li diversi nies jigu trasferiti kull certu zmien, liema policy f’ azjenda bhal bank it-Tribunal jifimha. Ghalhekk ma jsibx l-ilment tar-rikorrent dwar transfer gustifikat.

Ghalhekk jilqa’ t-talba tar-rikorrent dwar il-promozzjoni tal-1992 u peress li jsib l-ilment gustifikat jirrikmanda li r-rikorrent jinghata rimedju kompensattiv billi jinghata l-kariga ta’ Manager I b’effett mill-1992 mill-istess data li nghatat lill-persuni l-ohra u jitpogga fil-lista ta’ seniority daqs kemm ha l-promozzjoni dak in-nhar, kif ukoll li jithallas id-differenza fil-paga li sofra.

Spejjez kontra l-intimat nomine.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------